



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

---

**2013/2237(DEC)**

21.2.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja  
Ewropea għas-sena finanzjarja 2012  
(C7-0325/2013 - 2013/2237(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Antolín Sánchez Presedo

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-Parlament Ewropew kellu rwol ewlieni fit-twaqqif tal-EBA, u li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) għadhom f'fażi ta' stabbiliment u għalhekk, iqis li għad hemm hteieġa ta' aktar koordinazzjoni;
2. Jenfasizza li r-rwol tal-Awtorità fil-promozzjoni tas-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet bankarji – u għalhekk tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi – fir-regolament prudenzjali tas-settur bankarju Ewropew u fl-iżgurar tal-effikaċja tas-superviżjoni Ewropea huwa essenzjali għall-irkupru ekonomiku u għall-ħolqien ta' impjiegi u tkabbir sostenibbli fl-Ewropa;
3. Jirrikonoxxi li, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, minn kull lat materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012, u li l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari minn kull lat materjali;
4. Jilqa' l-fatt li minn Settembru 2013 ġew ikkompletati tliet azzjonijiet korrettivi li ttieħdu wara l-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri fl-2011 u jinsisti li dan il-proċess għandu jkun sodisfaċenti b'mod sħiħ fir-rigward tal-pjanifikazzjoni u l-implimentazzjoni baġitarja, filwaqt li jsahha it-trasparenza tal-proċessi ta' reklutaġġ kif ukoll il-kontroll sħiħ fuq l-esternalizzar tas-sistemi tal-IT lil kumpanja esterna u fuq il-problema tal-utilizzazzjoni baxxa tal-baġit; jitlob lill-awtoritajiet tar-Renju Unit jiżguraw – bi qbil mal-prinċipji tas-Suq Uniku – li l-persunal tal-EBA jirċievi l-istess appoġġ bħal dak li jirċievi persunal impjegat skont ir-Regolament tal-Persunal f'postijiet oħra;
5. Jenfasizza li kompiti addizzjonali f'dati f'idejn l-EBA, kif ukoll kompiti futuri previsti fil-proposti leġislattivi li għad irid jintlaħaq qbil dwarhom, se jirrikjedu żidiet fil-baġit u riżorsi umani ġodda biex l-EBA tkun tista' taqdi tajjeb ir-rwol superviżorju tagħha; iqis li dan hu ferm importanti, minħabba li l-kompiti tal-awtoritajiet superviżorji aktarx jibqgħu jikbru u jinnota li żidiet eventwali fir-riżorsi umani għandhom jippreċedu jew jakkumpanjaw fejn possibbli sforzi ta' razzjonalizzazzjoni bħall-allokkazzjoni mill-ġdid biex jintlaħaq gwadann ta' effiċjenza;
6. Jikkonkludi li l-arranġamenti ta' finanzjament attwali tal-EBA abbażi ta' sistema finanzjarja mħallta huma inflessibbli, joħolqu piż amministrattiv u jistgħu jkunu ta' theddida għall-indipendenza tagħha; għalhekk jirrakkomanda u jistieden lill-Kummissjoni toħloq linja baġitarja indipendenti mill-baġit tal-UE u li tqis l-introduzzjoni ta' tariffi għall-parteċipanti tas-suq matul ir-reviżjoni tar-regolament tagħha.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 0 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marino Baldini, Jean-Paul Basset, Sharon Bowles, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Jürgen Klute, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Theodor Dumitru Stolojan, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Fabrizio Bertot, Bas Eickhout, Sari Essayah, Ashley Fox, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Nils Torvalds
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen